MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Numru 5/2013

**"Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**v.**

**Christopher C. Spiteri"**

**Il-Qorti:**

**1.** Reġgħet rat in-nota ta' l-uffiċjal tal-*probation* Saviour Lia tat-23 ta' Marzu 2013 li biha għamel denunzja fis-sens ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u fejn informa lil din il-Qorti li l-imsemmi Christopher C. Spiteri, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 172284(M), naqas milli joqgħod mal-kundizzjoni ta' l-ordni ta' *probation* li "jibda u/jew jikkompleta programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga mingħajr interruzzjoni" hekk kif kien ukoll issuġġerit lilu mill-uffiċjal tal-*probation*;

**2.** Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 8 (a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939, sabet lill-imsemmi Christopher C. Spiteri ħati talli f'dawn il-Gżejjer fit-2 ta' Frar 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

(1) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata flewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) kif

sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħdet lill-imsemmi Christopher C. Spiteri taħt ordni ta' *probation* għal perijodu ta' tliet snin;

**4.** Semgħet id-deposizzjonijiet mogħtija mill-uffiċjal tal-*probation* Saviour Lia; rat l-atti l-oħra kollha tal-kawza; ikkunsidrat:

**5.** Mill-provi jirriżulta illi l-*probationer* għandu problema akuta ta' abbuż tad-droga. Fil-mori tas-smiegħ tad-denunzja saru tentattivi sabiex jibda programm ta' rijabilitazzjoni residenzjali iżda mingħajr is-suċċess mixtieq. Difatti kien daħal ix-*shelter* tal-CARITAS fis-17 ta' Ġunju 2013 iżda telaq fid-19 ta' Lulju 2013. Ciononostante huwa baqa' f'kuntatt regolari ma' l-uffiċjal tal-*probation* u qiegħed jattendi c-Ċentru tad-DETOX. Fil-fehma ta' l-uffiċjal tal-*probation* il-*probationer* għandu bżonn ta' aktar sorveljanza u gwida, fehma li din il-Qorti tikkondividi pjenament. Għalhekk, fid-dawl tal-fatt li l-perijodu ta' *probation* oriġinali li ngħata l-imsemmi Christopher C. Spiteri ddekorra mingħajr wisq progress, din il-Qorti hi tal-fehma li għandha tilqa' r-rakkomandazzjoni ta' l-uffiċjal tal-*probation* u tittratta miegħu mill-ġdid b'ordni ġdid ta' *probation*.

**6.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Christopher C. Spiteri kiser l-ordni ta' *probation* ta' l-14 ta' Novembru 2011, tittratta miegħu mill-ġdid għall-imputazzjonijiet (imsemmija fit-tieni (2) paragrafu ta' din is-sentenza) li dwarhom huwa kien tpoġġa taħt tali ordni daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-

Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li għal kull bwon fini tikkonferma l-ħtija fir-rigward ta' l-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli l-artikoli 8 (a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939, tqiegħdu mill-ġdid taħt *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 għal perijodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation* li jiġi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qiegħed jiġi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-ħati ddikjara li huwa jaċċetta. Tordna li kopja ta' l-ordni ta' *probation* tiġi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Uffiċjal Prinċipali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------